MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 1220/2002/1

**Middle Sea Insurance Plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Dolores Mazzelli u l-istess Dolores Mazzelli**

**Vs**

**Paul Sciriha**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li bih l-atturi talbu li l-konvenut ihallas Lm131.15c (mija u wiehed u tletin lira Maltin u hmistax il-centezmu) rappresentanti danni kkagunati f'incident tat-traffiku kif ahjar deskritt fl-istess Avviz.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn l-istess konvenut cahad li kien responsabbli ghal incident u sostna minghajr pregudizzju li l-ammont riklamant huwa eccessiv.

Sema' x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

Fir-Road Accident Report il-Pulizija kiteb li l-attrici qalet li kienet ipparkjata gewwa triq il-Wied B'Kara mal-gemb tat-triq. Kienet qieghda ddahhal basket fil-karozza taghha mit-tieqa ta' wara u f'daqqa wahda giet vettura tal-konvenut u l-karozza qabdet fil-bieba tal-vettura taghha bil-mera tax-xellug.

Il-konvenut qal li kien gej mid-direzzjoni ta' B'kara. Kien hemm vetturi pparkjati fuq iz-zewg nahat tat-triq. Mid-direzzjoni opposta kienet gejja vettura ohra u bi speed baxx ghafset ftit ghal fuqu u f'daqqa wahda ix-xuffiera tal-vettura AAR 681 (l-attrici) fethet il-bieba ta' wara lemin u laqatha bil-mera tax-xellug.

L-attrici qalet li kienet qieghda ddahhal il-kelb fil-karozza taghha bil-bieb miftuh jistrieh ma' darha. Il-konvenut imbaghad habat mal-bieba taghha. Wara l-habta l-konvenut staqsiha jekk kienitx rat il-karozza l-ohra li rasset lilu b'rizultat li l-konvenut habat maghha.

Ra x-xhieda ta' Emanuel Magrin li qal li kien qieghed mal-attrici u ra l-incident. Magrin qal li ra l-konvenut gej b'certu speed u ra d-daqqa. Wara l-incident l-konvenut qal li xi hadd rassu. Lil Pulizija ezatt wara l-incident Magrin qal: "kont qieghed fejn il-vettura AAR 681 kien hemm ix-xuffiera tal-imsemmija vettura ddahal basket minn naha ta' wara lemin u kellha l-bieba miftuha u f'daqqa wahda giet il-vettura AAF 173 mid-direzzjoni ta' B'Kara lejn Hal Balzan u laqtet il-bieba tal-vettura AAR 681 bil-mera tax-xellug."

Ra li sar survey u dan gie kkonfermat bil-gurament.
Il-konvenut qal li kien qed isuq u kien hemm karozza pparkjata fejn il-bus stop; ghalhekk ma setax jghaddi u waqaf. Karozza ohra quddiemu waqfet ukoll. Il-konvenut qal li meta ghaddew il-karozzi tan-naha l-ohra l-karozza ta' quddiemu ghaddiet u kif kien se jibda jsuq l-attrici fethet il-bieba u laqtet it-tarf tal-mera tal-karozza tieghu. Il-konvenut qal li l-attrici fethet il-bieba ta' wara fuq in-naha tal-lemin. Hi fethet il-karozza minn gewwa. Il-konvenut qal

“jiena malli wasalt maghha rajt il-bieba tinfetah u gejt ezatt mal-bieba.”

Fil-kontro-ezami l-konvenut ikkonferma li lis-sur Magrin kien informah li xi hadd rassu qabel l-incident.

Illi l-versjoni tal-attrici hija izjed kredibli minn dik tal-konvenut. Illi ezatt wara l-habta l-konvenut qal li xi hadd mhux maghruf ghafset ftit ghal fuqu u f’daqqa wahda l-attrici fethet il-bieb. Fix-xhieda quddiem it-Tribunal l-konvenut qal li l-ewwel waqaf minhabba karozza pparkjata imbaghad meta rega’ beda jimxi l-attrici fethet il-bieb. Kien biss fil-kontro-ezami li l-konvenut semma li xi hadd rassu izda qal li dan kien qabel ma waqaf minhabba l-karozza pparkjata. Illi hemm ukoll ix-xhieda ta’ Magrin li minnha jirrizulta li l-bieb tal-attrici kienet miftuha qabel ma gie l-konvenut u li l-konvenut mill-ewwel ilmenta dwar is-sewwieq tal-karozza l-ohra.

Illi d-danni gew kkonfermati u s-surveyor ikkonferma s-survey bil-gurament.

Ghalhekk it-tribunal jichad ir-Risposta tal-konvenut u jiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli ghal incident in kwistjoni u jikkundannah biex ihallas lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ Lm131.15c (mija u wiehed u tletin lira Maltin u hmistax il-centezmu) bl-ispejjez u bl-imghax mill-1 ta’ Gunju 2002.

--------------------------------TMIEM--------------------------------